# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 3

It-Tlieta, 13 ta' Awwissu, 2024

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fin-12.30pm.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Abigail Micallef – Viċi Sindku
Horace Vella – Kunsillier
Jonathan Mercieca - Kunsillier
Frankie Attard – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

**Pjazza Orvieto, Ta' Kercem KCM 1360, Gozo**
*Tel:* **00356 21563666;** *E-mail:* **kercem.lc@gov.mt**

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

### 3.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

Ħadd ma kien assenti għal din il-laqgħa.

### 3.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

### 3.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

3.3.1 Irċevejna korrispondenza mill-Energy Water Agency sabiex jekk il-Kunsill irid, jingħatawlna 200 water saving kit u jitqassmu mill-Kunsill Lokali fuq first come first served basis. Sar qbil li jitqassmu.

3.3.2 Irċevejna l-approvazzjoni tal-applikazzjoni li kien għamel il-Kunsill għall-Urban Gardens. Sar qbil li s-siġar inħawluhom fil-pots li kellna s-siġar l-oħrajn fihom.

3.3.3 Saret diskussjoni li nsibu għaqda li tieħu ħsiebhom jew inkella x-xogħol jinqasam bejn l-għaqdiet. Jekk il-Kunsill jagħmel tand ta' elf litru u jagħmel karru, ikun jista' jużah kulħadd u jinqdew l-għaqdiet kollha. Madanakollu, l-ewwel, il-Kunsill ħa jidentifika il-postijiet li jrid isaqqi u jġib kwotazzjoni ta' kemm kieku tiġi tiswa lill-Kunsill ħalli jkunu jaf kemm jista' jħallas lill-għaqdiet għal dan ix-xogħol.

3.3.4 Is-Sindku għarraf li ser ikollna l-laqgħa mal-Ministru għal Għawdex nhar is-16 ta' Awwissu fl-10am.

3.3.5 Irċevejna l-approvazzjoni mingħand TM għall-parking management fi Triq Wenzu Mintoff.

3.3.6 Is-SE preżentat ir-rapport ta' evalwazzjoni għall-offerta KCM/03/2024 għal xiri ta' CCTVs u l-Kunsill approvah.

3.3.7 Ġiet ippreżentata l-approvazzjoni tal-minor amendment tal-pitch tal-boċċi.

3.3.8 TM approvat bankina fi Triq Kerċem li kien applika għaliha l-Kunsill.

3.3.9 Is-Sindku qal li rċevejna talba mingħand resident fi Triq San Pietru u San Pawl sabiex isiru double yellow lines ma' kull naħa tal-garaxx. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

3.3.10 TM infurmaw lill-Kunsill illi resident talab għal reserved parking fi Triq Kerċem. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

3.3.11 Is-Sindku qal illi diversi għaqdiet interessaw ruħhom illi jarmaw xi bar jew xi ħaġa oħra waqt l-attivita' 'Għad-Dell tal-Akwadott'. Għalhekk ser issir laqgħa magħhom biex jiddiskutu.

3.3.12 Is-Sindku spjega illi f'dawn l-aħħar jiem irċieva żewġ email minn żewġ persuni dwar xi pagamenti li saru mill-Kunsill Lokali fil-Milied 2023 u riedu spjegazzjoni għaliex ċertu xogħol ma ngħatax lill-għaqdiet tar-raħal. Huwa spjega kif saru dawn il-

pagamenti, lil min ingħataw, il-kwotazzjonijiet li ntalbu u kif kienet is-sitwazzjoni u l-Kunsilliera fehmu li l-Kunsill ta' dakinhar għamel l-aħjar mod li seta' jagħmel.

## 3.4 Milied 2024

Is-Sindku spjega illi irridu nibdew naħsbu għall-attivitajiet tal-Milied li għandna approvati mid-Dipartiment. Ser nitkellmu mal-għaqdiet biex naraw kif l-aħjar li jgħinu.

## 3.5 Għad-Dell tal-Akwadott

Ix-xogħol u l-preparamenti għaddejjin għal din l-attivita'. Is-Sindku qal li se nġibu xi nġenji li se jkunu qed jagħmlu parti minn din l-attivita' u b'hekk il-Kunsill irid iħallas għalihom u anke għat-trasport. Huwa qal illi l-kwotazzjoni li tawh hija ta' madwar Eur1,300. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 3.6 Toroq fil-Lokalita'

Il-Kunsill iddiskuta din il-problema u kulħadd qabel li din saret kbira wisq. Is-Sindku żied jgħid li issa għandna l-widien ukoll li qed nitolbu sabiex jitnaddfu għal kullimkien mimli ħaxix ħażin. Is-Sindku talab lill-Kunsillier Jonathan Mercieca sabiex jimbotta minn naħa tiegħu mal-Ministeru għal Għawdex u Ippjanar.

## 3.7 Ħaddiema tal-Community Workers Scheme

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni illi l-ħaddiema tal-CWS mhumiex qed jagħtu sehemhom. Huwa stqarr li qed isibha ferm bi tqila biex jieħu ftit xogħol minn naħa tagħhom.

## 3.8 Ilmenti u Suġġerimenti

3.8.1 Dwar il-palk tal-attivita', dan ma kienx inkluż fl-offerta u għalhekk ser niġbru tliet kwotazzjonijiet sabiex inkunu koperti b'palk tajjeb.

3.8.2 Is-Sindku semma illi tkellem mas-Sindku ta' Bormla u ddiskutew il-possibilta' ta' ġemellaġġ bejn Bormla u Ta' Kerċem. Huwa qal li dan għadu fi stadju bikri u ser inkunu qed nitkellmu aktar dwar x'jista' jsir.

3.8.3 Is-Sindku għarraf lill-Kunsillier Jonathan Mercieca illi qed iżiedlu d-dekasteru ta' 'Żvilupp tal-Bini'. Is-Sur Mercieca aċċetta.

3.8.4 Il-Viċi Sindku talbet dawn li ġejjin:

- Illi l-fanal li hemm f'Wied Ħmar fi Triq Ġużeppi Briffa jinbidel u jsir wieħed dekorattiv. Sar qbil li naraw x'nistgħu insibu li jkun joqrob għal li hemm;

- Illi l-Kunsill jidħol fl-iskema tal-iSchool Grannies. Ġie deċiż li naraw x'tinvolvi u nkellmuhom.

3.8.5 Il-Kunsillier Jonathan Mercieca għamel dawn ir-rimarki:

- Li ssir Stop Sign mal-art fi Triq ta' Doti int u ħiereġ. Ħadd ma sab oġġezzjoni;
- Li ssir bozza ġdida fi Triq l-Għadira kantuniera ma' Triq Santa Luċija. Il-Kunsill qabel li nitolbu lir-Reġjun t'Għawdex.
- Illi tiddawwal il-parti ta' barra ta' Qasam San Ġorġ. Is-Sindku spjega li diġa' applikajna mal-Enemalta iżda s'issa għad m'għandniex risposta. Ser nerġgħu nagħmlu reminder.

3.8.6 Il-Kunsillier Horace Vella talab li tinbidel il-mera li tinsab fit-tarf ta' Triq Klula għaliex m'għadiex tajba. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

3.8.7 Saret talba minn resident fi Triq il-Bies sabiex isir double yellow line ma' naħa waħda tal-garaxx. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

3.8.8 Persuna talbet illi jinbena ħajt f'side street li hemm fit-triq ta' Pinu. Peress li dan jagħmel mal-konfini ta' Kerċem, ser nitolbu lill-Ministeru għal Għawdex u Ippjanar sabiex jibnuh minn naħa tagħhom.

## 3.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 3.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-Laqgħa ntemmet fit-2.45pm u ġiet aġġornata għall-10 ta' Settembru, 2024 fin-12.30pm.

IFFIRMATA

Mario Azzopardi
Sindku

IFFIRMATA

Marianne Sagona
Segretarju Eżekuttiv